IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru19 (dsatax) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it- Tnejn 5 ta' Jannar, 2026, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| **Assenti b'apoloġija** | |
| Il- Kunsillier | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**19.1. Item Nru 19.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

19.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.15pm u s-Segretarju qara ittra t' apoloġija tas-Sinjura Antonia Buttigieg li tinsab ma jiflaħx. Kulħadd aċċetta l-apoloġija għalhekk is-Sa. Buttigieg u ġiet meqjusa skużata.

**19.2. Item Nru. 19.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

19.2.1 Il-Minuti ittieħdu moqrija u ma kienx hemm korrezzjonijiet. Il-Minuti ġew approvati b'mod unanimu.

IX-XGHAJRA

**19.3 Item Nru. 19.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

19.3.1 Is-Sindku tkellem fuq l-Attivitá tar-Reġjun ta' nhar il-Ħadd li ġej u qal li fix-Xgħajra ser tibda eżatt wara l-quddies tad-9am u ser ikun hemm il-banda tal-iscouts kif ukoll isir diskors tal-ftuħ ta' dawn is-sensiela ta' attivitajiet matul is-sena 2026 mir-Reġjun Port. Wara kulħadd mistieden għal riċeviment ġewwa Villa Bighi fis-1pm.

19.3.2 Is-Sur Attard qal li bil-magna tal-BCRS qed ikollna l-problemi għaliex qed jiġu ħafna nies anke minn barra l-lokal b'ħafna boroż u mbgħad jarmu l-ħżiena mal-iskips tal-Bring in site u jispiċċaw jiġru mat-toroq. Għalhekk wara diskussjoni il-kunsill qabel li jitneħħew il-Bring in site immedjatament u naraw hemmx xi sit ieħor li jistgħu jitpoġġew.

19.3.3 Is-Sindku tkellem fuq il-bus shelters li jinsabu fi stat ħażin ħafna speċjalment ta' Triq it-torri t'Alof De Wignacourt, ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja (l-parti ta'fuq) u ta' Triq Karmelo Ritchie. Huwa qal li jekk jirnexxielna nġibu fondi minn tad-Development Funds għalihom nistgħu nagħmluhom aħna.

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li għalissa nirrangawhom temporanjament b'roof panels apposta u b'saħħithom.

19.3.4 Is-Sindku ippropona li nixtru welding set għaliex qatt ma kellna kif ukoll grass cutters ġodda.

19.3.5 Is-Sindku qal li l-attivita tal-Milied tħassret minħabba l-maltemp però kellna xorta kontijiet li ma stajniex nevitaw minħabba li bqajna nittamaw sa dak in-nhar stess u ħafna affarijiet kienu diġà armati

Hu kompla jgħid li bil-fondi tal-iskema xorta ikkaverjajna t-tiżjin, l-attivita tal-iskola, l-attivita tal-21 u anke tad-19 li saret fis-sala tal-Knisja.

19.3.6 Is-Sindku qal li għandna problema bil-ħaddiema għaliex qed tkun diffiċli biex nikkontrollaw it-toroq li jagħmlu kif ukoll il ħinijiet. Għalhekk is-Sindku ippropona li jinħatar Neville Schembri sabiex ikun supervisor tagħhom u jieħu ħsieb li jkunu osservati r-regoli. Din il-kariga ser tkun qed tiswa lil Kunsill €250 fix-xahar. Il-Kunsill wara diskussjoni qabel unanimament għal din il-kariga ġdida u ser tibda minn Jannar.

19.3.7 Is-Sindku tkellem dwar l-art u l-binja tan-nursery u qal li għandna konferma bil-miktub li din ser terga' tgħaddi lura lill-Kunsill. Dan wara li s-Sa. Catherine Fenech ikkonfermatlu dan. L-avukat qallu li jekk għandna aċċess nistgħu nibdlu c-cwievet. Hu kompla ukoll u qal li ħarġilhom is-switch tal-floodlights fuq barra sabiex ikunu jistgħu jixgħeluhom minajr il-bżonn li jidħlu fil-binja.

Il-parti ta' isfel ma nistgħu nisgassaw avolja għandna t-titlu ta' devoluzzjoni għalhekk ser inkunu qed nibgħatu ittra bl-avukat.

Saret telefonata ma' Catherine Fenech waqt il-laqgħa u kkonfermat dan kollu issa ser tibgħat il-kuntratt sabiex jiġi ffirmat.

Wara li tkun uffiċjali s-Sindku ippropona li nagħmlu refurbishment ta' fejn hemm il-bar u possibbilment nerġgħu nifthuh jif suppost. Imbgħad irridu nerġgħu niffurmaw nursery li din minn100 tifel spiċċat għal 20 biss.

**19.4 Item Nru 19.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

19.4.1 Is-Sur Michael Mifsud staqsa dwar il-culverts jekk nadddafnihomx wara x-xita sabiex ma jkollnix sadd. Is-Segretarju qallu li ħadna ħsiebhom kollha u tnaddfu.

19.4.2 Is-Sur Mifsud qal li dwar l-iskart sejrin naqa aħjar għaliex qed jinġabar aktar kmieni u dan ifisser inqas boroż jiġru mat-toroq.

19.4.3 Is-Sur Mifsud qal naraw fejn nistgħu nagħmlu l-ATM u nieħdu ritratti tal-post biex naraw jagħmluwilniex. Il-Kunsill qabel li ssir fejn il-bandli fil-garage.

19.4.4 Is-Sa. Borg qalet li l-wirja tal-Presepji kienet suċċess u n-nies ħadu pjaċir ħafna.

19.4.5 Is-Sinjura Doris Borg qalet ukoll li l-attivita tal-iskola inkluż il-Jum il-Premjazzjoni kienet interessanti u sabiħa ħafna. Il-Kunsill ikkollabora billi xtara kotba u tqassmu bħala premjijiet f'isem il-Kunsill Lokali tax-Xgħajra.

19.4.6 Is-Sinjura Borg irringrazzjat ukoll lil parteċipanti li ħadu sehem fl-esibizzjoni tal-Milied u qalet li ser jiġu ppreżentati ċertifikati ta' parteċipazzjoni u ringrazzjament ġeww l-Alijoy Centre fil-jiem li ġejjin.

19.4.7 Is-Sinjura Doris Borg staqsiet nistgħux nerġħu inwaħħlu t-tabella Alijoy Centre għaliex konna neħħejniha minħabba tgergir mil-ġirien. Tajjeb li għalinqas ikollna xi tip ta' tabella bl-isem, anke sticker. Il-plakka ta' barra spiċċat bl-elementi tan-natura u ta min jerġa jagħmel waħda ġdida. Is-Sindku qabel u qal induru ftit dawn il-plakek għax kollha qed jitilqu anke tal-bandli.

19.4.8 Is-Sa. Borg qalet li tajjeb ninfurmaw il-pubbliku bil-korsijiet tal-Life long learning bil-facebook sabiex ikunu avżati.

19.4.9 Is-Sa. Borg qalet prosit lill-ħaddiema li l-monument u madwaru tnaddfu u ġie sabiħ. Il-pass li jmiss issa li nippruvaw nibdlu ċ-ċint għaliex spiċċut kollu. Is-Sindku qal li meta jerġgħu jiġu tar-Reġjun il-benneja inqabbduhom jagħmlu l-gebel ta' madwar il-monument.

Doris kompliet u qalet li dwar iż-żibel ser tmur hi personalment tkellem lir-residenti.

19.4.10 Is-Sur Raymond Duncan qal li hawn ħafna cables imdendlin u tajjeb li nirrapurtawhom lil entitajiet konċernati.

19.4.11 Is-Sur Raymond Duncan staqsa dwar l-ikel tal-qtates lill-*cat feeders* jekk għadux jingħata. Is-Segretarju qallu li s-sena l-oħra ma ingħatax naraw din is-sena jekk jerġgħux joħorġuha. Is-Sur Michael Mifsud ikkonferma dan.

IX-XGĦAJRA

19.4.12 Is-Sur Raymond Duncan issuġġerixxa li niċċekkjaw ħadida/għatu imsaddad max-xatt lejn in-naħa ta' Smart City fejn il-*gun post*. Is-Segretarju qallu li dik taħtha hemm is-switch tad-dawl ta' parti mill-prominade. Ser ikun qed iqabbad lill-ħaddiema sabiex imorru jiċċekkjawha.

**19.5 Item Nru. 19.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

19.5.1 Ma kienx hemm rapporti oħra

**19.6 Item Nru. 19.6 fuq l-Aġenda - Performance Bonuses tal-Ħaddiema**

19.6.1 Il-Kunsill iddiskuta fuq il-Performance Bonus tal-ħaddiema Ranier Busuttil Segretarju Ezekuttiv, Miriam Buhaġar Assisent Principal u ta' Noel Bonnici u qabel li jingħataw il-massimu, iġifier dak ta' Ranier Busuttil 10%, Miriam Buhagiar 6% u ta' Noel Bonnici €668.02.

**19.7 Item Nru. 19.7 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

19.6.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor.

**19.7 Item Nru. 19.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

19.7.1 Pagamenti b'numru 18 ġew approvati unanimament.

**19.8 Item Nru. 19.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

19.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**19.9 Item Nru. 19.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

19.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.25pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 5 ta' Frar fl-4.30pm.

| | |
|---|---|
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |